MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Numru 444/2000

**Illum, 14 ta' Gunju 2005**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bartolomeo Mula**
**Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

Antoine Gambin

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 9170(M), akkuzat illi b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, talli:

a. fil-Belt Valletta jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer f'xi data bejn l-1 ta' Mejju, 2000 u l-10 ta' Mejju, 2000, ikkommetta serq ta' Visa Gold Card tal-BOV bin-numru

4459510001023106, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

b. fil-Belt Valletta, nhar l-10 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tad-9:13 a.m. ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm100 billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq ir-Repubblika', Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

c. fil-Belt Valletta, nhar il-11 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-11:21 a.m. ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm100 billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq ir-Repubblika', Valletta liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

d. f'Tas-Sliema nhar it-13 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-6:17 a.m., fis-6:18 a.m. u fis-6:19 a.m. ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm250 (globalment) billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq Dingli', Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

e. f'Tas-Sliema nhar is-16 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tad-9:31 a.m., tad-9:32 a.m. u tal-5:54 p.m. ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm300 (globalment) billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq Dingli', Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju

u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

f. f'Tas-Sliema nhar it-18 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-5:34 p.m., tal-5:35 p.m., tal-5:36 p.m., tad-9:16 p.m., tad-9:17 p.m. u tad-9:18 p.m., ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm500 (globalment) billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq Dingli', Sliema, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

g. f'Tas-Sliema, nhar id-19 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-9:52 a.m., ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm100 billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq Dingli', Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

h. f'Tas-Sliema, nhar l-20 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-6:36 a.m., tas-6:37 a.m., tas-6:38 a.m. u tas-6:39 a.m., ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm350 (globalment) billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq Dingli", Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

i. f'Tas-Sliema, nhar l-24 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-6:15 a.m., 6:16 a.m., 6:17 a.m., tat-8:46 p.m., 8:47 p.m., 8:48 p.m. u 8:49 p.m., ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm600 (globalment) billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq Dingli', Sliema, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in

rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

j. f'Tas-Sliema nhar il-25 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-12:17 p.m., ikkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm100 billi permezz ta' l-istess Visa Gold Card gibed is-somma imsemmija mill-Automatic Teller Machine fi 'Triq Dingli', Sliema, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Dennis Gatt minn B'Kara f'ismu propju u in rapprezentanza tal-kumpanija S N Properties Limited tal-Maghtab;

k. fil-Belt Valletta, f'Tas-Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet presentata mid-difiza;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'serq u ricettazzjoni. Jinghad mill-bidu illi ghar-rigward ir-ricettazzjoni m'hemm xejn mill-provi li jippruvaw dan ir-reat u konsegwentement l-imputat ghandu jigi liberat minnu.

Dwar ir-reat l-iehor ta' serq li bih l-imputat jinsab akkuzat hu allegat li dan sehh minn fuq Visa Gold Card appartenenti lil Dennis Gatt, li miet fil-mori tal-kawza, liema 'gold card' kienet mahruga mill-Bank of Valletta fuq il-kont numru 4459510001023106. L-akkuza issemmi s-serq kemm fir-rigward tal-'gold card' u kemm fir-rigward il-flus li ngibdu minnha li jlahhqu ammont globali ta' Lm2400. Issa mill-provi u d-dokumenti esebiti jirrisulta li l-

gbid tal-flus sar minn zewg ATM's tal-Bank of Valletta senjatament dik ta' Strada Repubblika, Valletta u dik f'Triq Dingli tas-Sliema. Jirrisulta fic-cert, almenu fir-rigward l-gbid ta' Lm100 mill-ATM tal-fergha tal-Bank il-Belt fil-11 ta' Mejju 2000, li dan sar mill-imputat, li intant, kif jirrisulta mill-istqarrija tieghu, mhux kontradetta, ma jinnegax li fl-okkazjonijiet li ghalihom taghmel referenza l-akkuza u li hi kollha jirreferu ghal bejn l-10 ta' Mejju, 2000 u l-25 ta' Mejju ta' l-istess sena l-uzu tal-'gold card' u l-gbid relattiv tal-ammonti ta' flus ghamilhom hu. Skond id-derubat Dennis Gatt dan sar kontra l-kunsens u l-volonta' tieghu wara li l-imsemmija 'gold card' kienet ittiehdet minn gewwa kompartiment tal-vettura tieghu ad insaputa tieghu. L-imputat, da parti tieghu, u dejjem skond l-istqarrija minnhu rilaxxata, sostna li ghalkemm vera li f'dak il-perjodu gibed l-flus tramite l-imsemmija 'credit card' dan ghamlu fuq struzzjonijiet ta' Dennis Gatt li wkoll ha l-beneficcju stante li kull ammont hekk migbud inghata lilu.

Intant, apparti l-ammissjoni tal-imputat dwar l-uzu tal-'credit card' u l-prova relattiva dwar il-partita tal-10 ta' Mejju, bhala sustanza hemm biss ix-xhieda ta' l-imsemmi Dennis Gatt u l-istqarrija tal-imputat, li huma kontradittorji ghal xulxin, u fuq l-bazi ta' liema din il-Qorti trid taghti l-gudizzju taghha. Huwa pacifiku li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, kif huwa wkoll permess li l-Qorti taghmel d-debita inferenza dwar li l-imputat ma xehedx fil-kaz tieghu. Dak pero' li jnissel dubbju skoncertanti f'din il-Qorti hu l-verosimiljanza tat-terzi tad-derubat li dam gimghatejn ma nduna li giet nieqsa mill-vettura tieghu l-imsemmija credit card apparti l-fatt tal-'PIN Number' li imkien fix-xhieda tieghu ma rrefera ghaliha. Il-prosekuzzjoni hawnhekk kellha iggib provi kompleti u konklusivi u l-Qorti ma tistax tistrieh fuq kongetturi li m'ghandhomx valur f'kawzi ta' indoli kriminali. Il-Qorti f'din il-kawza m'ghandhiex il-konvinciment morali li huwa sine qua non sabiex il-Qorti tasal ghal konvicju tal-imputat.

Inghad dan, ghalhekk, u ghar-ragunijiet fuq esposti, qedghha tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------